PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0259(COD)

6.3.2009

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-liġi applikabbli fl-obbligi kuntrattwali u nonkuntrattwali
(COM(2008)0893 – C6-0001/2009 – 2008/0259(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Gérard Deprez

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Kuntest

Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi rigward ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi u deċiżjonijiet għal kwistjonijiet matrimonjali, responsabilità parentali u obbligi ta' manteniment. Skont l-Artikolu 307 tat-Trattat, l-Istati Membri huma meħtieġa jeliminaw kwalunkwe inkompatibilità bejn l-acquis tal-Komunità u l-ftehima internazzjonali konkluża bejn dak l-Istat Membru u l-pajjiż terz.

Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat fl-Opinjoni tagħha 1/03 tas-7 ta' Frar 2006 (Lugano) li l-Komunità kisbet il-kompetenza esterna esklussiva biex tinnegozja u tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi dwar għadd ta' suġġetti importanti msemmija fit-Titolu IV tat-Trattat.

Għalhekk hija l-Komunità li, fuq il-bażi tal-Artikolu 300 tat-Trattat, għandha l-kompetenza li tikkonkludi ftehimiet bħal dawn bejn il-Komunità u pajjiż terz. Għalhekk hemm bżonn ikun hemm evalwazzjoni dwar jekk hemmx biżżejjed interess Komunitarju fir-rigward li l-ftehimiet bilaterali kollha, eżistenti jew proposti, bejn Stati Membri u pajjiżi terzi jinbidlu ma' ftehimiet Komunitarji. Din hija r-raġuni għaliex ġiet stabbilita din il-proċedura. Jekk ma jkunx hemm interess Komunitarju, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jikkonkludu l-ftehimiet.

Analiżi mir-rapporteur

Madankollu r-rapporteur jixtieq jenfasizza li, billi din il-proċedura titlaq mir-regola li hija l-Komunità li tikkonkludi l-ftehimiet, il-proċedura li biha jiġu awtorizzati l-Istati Membri għandha tkun suġġetta għal kondizzjonijiet preċiżi ħafna. Il-mekkaniżmu għandu jkun limitat fl-iskop u ż-żmien. Ma jistax jiġi applikat meta l-Komunità jkollha biżżejjed interess biex tikkonkludi ftehima speċifika ma' pajjiż terz u m'għandux ifixkel it-tħaddim kif suppost tas-sistema stabbilita mir-regoli tal-Komunità. Ir-rapporteur iqis li huwa kruċjali li minħabba l-koerenza, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi strateġija u tiddefinixxi prijoritajiet bil-għan li tiġi żviluppata politika Komunitarja għar-relazzjonijiet esterni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġuridika fil-liġi ċivili u kummerċjali. Dwar il-proċedura ta' komitoloġija proposta, ir-rapporteur jaħseb li mhijiex xierqa u għalhekk jipproponi li jitħassru dawk ir-referenzi. Hija l-kompetenza tal-Kummissjoni bħala l-'gwardjana tat-Trattat' li tiżgura li l-liġi Komunitarja tkun irrispettata. Din il-kompetenza hija konferita fuqha mit-Trattat u għalhekk ma tikkonċernax każ ta' setgħat implimentattivi (kif previst fl-Artikolu 202 tat-Trattat). Minflok, ir-rapporteur jipproponi sistema ta' notifika (AM 26), kif inhi stipulata wkoll fir-Regolament 1931/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistipula regoli dwar it-traffiku transkonfinali lokali mal-fruntieri tal-art esterni tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Ir-Regolament għandu jkun limitat biż-żmien u applikabbli sal-2014 (apparti l-ftehimiet li attwalment qed jiġu nnegozjati u li għalihom il-Kummissjoni tat l-awtorizzazzjoni li jibdew in-negozjati).

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Tinħtieġ evalwazzjoni ta' jekk hemmx ***attwalment*** interess Komunitarju biżżejjed fis-sostituzzjoni tal-ftehimiet bilaterali proposti u eżistenti kollha bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi bi ftehimiet Komunitarji. ***Għaldaqstant huwa neċessarju illi tiġi stabbilita proċedura b'għan doppju. L-ewwel huwa sabiex tippermetti lill-Komunità li*** tevalwa jekk hemmx ***biżżejjed*** interess Komunitarju fil-konklużjoni ta' ftehim ***bilaterali partikolari***. ***It-tieni huwa sabiex tawtorizza*** *lill-*Istati Membri sabiex jikkonkludu l-ftehim inkwistjoni ***jekk mhemmx interess attwali mill-Komunità fil-konklużjoni ta' tali ftehim***.	(8) Tinħtieġ evalwazzjoni ta' jekk hemmx interess Komunitarju biżżejjed fis-sostituzzjoni tal-ftehimiet bilaterali proposti u eżistenti kollha bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi bi ftehimiet Komunitarji. ***Il-Kummissjoni għandha*** tevalwa jekk hemmx interess Komunitarju fil-konklużjoni ta' ftehim ***bejn il-Komunità u pajjiż terz. Jekk dan mhux il-każ***, *l-*Istati Membri ***għandhom ikunu awtorizzati*** sabiex jikkonkludu l-ftehim inkwistjoni.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) *Proċedura* li ***tkun koerenti u trasparenti għandha tiġi stabbilita sabiex*** tawtorizza l-Istati Membri sabiex jemendaw ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi jew jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet ġodda f'ċirkostanzi eċċezzjonali,	(9) ***Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi kriterji u kondizzjonijiet speċifiċi għall-****proċedura* li tawtorizza l-Istati Membri sabiex jemendaw ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi jew jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet ġodda f'ċirkostanzi

b'mod partikolari meta l-Komunità nnifisha ma tkunx indikat l-intenzjoni tagħha li teżerċita il-kompetenzi esterni tagħha biex tikkonkludi l-ftehimiet. Din il-proċedura hija bla ħsara għall-kompetenza esklussiva tal-Komunità u għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat ***tal-KE***. ***Peress illi tidderoga mir-regola illi l-Komunità hija esklussivament kompetenti sabiex tikkonkludi ftehimiet internazzjonali dwar dawn il-kwistjonijiet, din il-proċedura għandha tiġi meqjusa bħala miżura eċċezzjonali u għandha tiġi limitata fl-ambitu u fiż-żmien.***

eċċezzjonali, b'mod partikolari meta l-Komunità nnifisha ma tkunx indikat l-intenzjoni tagħha li teżerċita il-kompetenzi esterni tagħha biex tikkonkludi l-ftehimiet. Din il-proċedura hija bla ħsara għall-kompetenza esklussiva tal-Komunità u għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Kriterji u kondizzjonijiet bħal dawn għandhom jiżguraw bilanċ bejn, fuq naħa l-interess Komunitarju u fuq in-naħa l-oħra l-interess speċifiku tal-Istat Membru, u m'għandhomx jagħmlu lil-liġi Komunitarja ineffettiva jew ifixklu t-tħaddim kif suppost tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Billi l-proċedura tikkostitwixxi deroga mir-regoli dwar il-kompetenza

esklussiva tal-Komunità biex jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-koperazzjoni ġuridika, għal kwistjonijiet ċivili u kummerċjali trid titqies bħala miżura eċċezzjonali u għalhekk għandha tkun limitata fl-iskop u ż-żmien.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 9 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9c) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi strateġija u tiddefinixxi prijoritajiet bil-għan li jiġu żviluppati r-relazzjonijiet esterni tal-Komunità fil-qasam tal-koperazzjoni ġuridika fil-liġi ċivili u kummerċjali, bi qbil mal-linji gwida li l-Kunsill Ewropew jista' jadotta fil-futur.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Skont ***dawn*** ir-Regolamenti, il-mekkaniżmu propost għandu japplika biss għal ftehimiet f'każijiet individwali u eċċezzjonali, li jirrigwardaw kwistjonijiet settorjali u li jistipulaw regoli fl-oqsma koperti minn ***dawn*** l-istrumenti.	(11) Skont ***dawk*** ir-Regolamenti, il-mekkaniżmu propost għandu japplika biss għal ftehimiet f'każijiet individwali u eċċezzjonali, li jirrigwardaw kwistjonijiet settorjali u li jistipulaw regoli fl-oqsma koperti minn ***dawk*** l-istrumenti. ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li t-terminu "settorjali" jiġi interpretat bħala "partikolarment".***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat illi l-ftehimiet propost mill-Istat membru ma jrendix id-dritt Komunitarju ineffettiv u ma jikkompromettix il-funzjonament tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha, l-awtorizzazzjoni għandha tkun meħtieġa kemm biex jinbdew in-negozjati kif ukoll sabiex jitkomplew u jiġi konkluż il-ftehim. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt mistenni tal-eżitu (possibbli) tan-negozjati fuq id-dritt Komunitarju. ***Fil-każi relevanti,*** *il-*Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjar jew titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehimiet proposti.	(12) Sabiex jiġi żgurat illi l-ftehimiet propost mill-Istat membru ma jrendix id-dritt Komunitarju ineffettiv u ma jikkompromettix il-funzjonament tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha, l-awtorizzazzjoni għandha tkun meħtieġa kemm biex jinbdew in-negozjati kif ukoll sabiex jitkomplew u jiġi konkluż il-ftehim. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt mistenni tal-eżitu (possibbli) tan-negozjati fuq id-dritt Komunitarju. *Il-*Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjar jew titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehimiet proposti.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.	***imħassra***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura li tawtorizza Stat Membru sabiex jemenda ftehim bilaterali ***eżistenti*** bejn Stat Membru u pajjiż terz, jew sabiex jinnegozja u jikkonkludi ftehim bilaterali ġdid suġġett għall-kondizzjonjiet stipulati fid-dispożizzjonjiet li ġejjin:	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura li tawtorizza Stat Membru sabiex jemenda ftehim bilaterali bejn Stat Membru u pajjiż terz, jew sabiex jinnegozja u jikkonkludi ftehim bilaterali ġdid suġġett għall-kondizzjonjiet stipulati fid-dispożizzjonjiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar ***kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-liġi applikabbli fi*** kwistjonijiet ***ċivili u kummerċjali, u*** li *jaqa'****, kompletament jew parzjalment,*** fl-ambitu tar-Regolament (KE) No 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-*obbligazzjonijiet* kuntrattwali u tar-Regolament (KE) No 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-*obbligazzjonijiet* mhux kuntrattwali.	2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ***partikolari*** li *jaqgħu* fl-ambitu tar-Regolament (KE) No 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-*obbligi* kuntrattwali u tar-Regolament (KE) No 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-*obbligi* mhux kuntrattwali.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda ftehim eżistenti, jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandu jinforma lill-Kummissjoni ***bl-intenzjoni*** tiegħu ***bil-miktub***.	1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda ftehim eżistenti, jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandu jinforma lill-Kummissjoni ***dwar l-applikazzjoni*** tiegħu ***permezz ta' ittra jew ta' mezzi elettroniċi***.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Man-***notifika, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' jekk l-Istat Membru jistax ikompli n-negozjati mal-pajjiż terz kkonċernat. Jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet xi ftehim dwar l-istess suġġetti mal-pajjiż terz ikkonċernat, l-applikazzjoni tal-Istat Membru tiġi awtomatikament miċħuda mill-Kummissjoni.	1. ***Wara li tkun irċeviet in-***notifika, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' jekk l-Istat Membru jistax ikompli n-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat***, billi tqis kif suppost li d-derogi mill-kompetenza esterna esklussiva tal-Komunità għandhom jibqgħu eċċezzjonali u limitati fl-iskop u fiż-żmien***. Jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet xi ftehim dwar l-istess suġġetti mal-pajjiż terz ikkonċernat, l-applikazzjoni tal-Istat Membru tiġi awtomatikament miċħuda mill-Kummissjoni. ***Jekk il-Kummissjoni tqis li hemm interess Komunitarju fil-konklużjoni ta' ftehima bejn il-Komunità u pajjiż terz, hija għandha wkoll tirrifjuta l-applikazzjoni.***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk ***il-****Kummissjoni* ma ***tkunx għada ffirmat*** ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha, meta tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, teżamina ***l-ewwel*** jekk huwiex ***mistenni*** xi ftehim Komunitarju relevanti mal-pajjiż terz ikkonċernat ***fil-futur qarib***. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni ***tista' tagħti awtorizzazzjoni, sakemm*** *jiġu* sodisfatti ***ż-żewġ*** kondizzjonjiet li ġejjin:	2. Jekk ***ma jkun hemm l-ebda interess Komunitarju u jekk*** ma ***jkun hemm l-ebda*** ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha, meta tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, teżamina jekk huwiex ***speċifikament maħsub*** xi ftehim Komunitarju relevanti mal-pajjiż terz ikkonċernat ***fis-sentejn li ġejjin***. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni ***għandha tiċċekkja jekk*** *jiġux* sodisfatti ***t-tliet*** kondizzjonjiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-Istat Membru ***kkonċernat*** jkun wera li hemm interess speċifiku fil-konklużjoni tal-Ftehim bilaterali ***settorjali*** mal-pajjiż terz, relatat b'mod partikolari ***mal-eżistenza ta'*** rabtiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali jew storiċi bejn l-Istat Membru u dak il-pajjiż terz; ***kif ukoll***	(a) l-Istat Membru jkun wera li hemm interess speċifiku fil-konklużjoni tal-Ftehim bilaterali ***rigward kwistjonijiet partikolari*** mal-pajjiż terz, relatat b'mod partikolari ***mar-***rabtiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali jew storiċi bejn l-Istat Membru u dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-Kummissjoni tiddetermina li l-*** ftehim propost ***għandu*** impatt ***limitat*** fuq l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-Komunità eżistenti ***u fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita minn dawk ir-regoli.***	(b) ***Il-***ftehim propost ***m'għandux*** impatt ***sinifikanti*** fuq l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-Komunità eżistenti***; kif ukoll***

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-konklużjoni tal-ftehima proposta ma tagħmilx il-liġi tal-Komunità ineffettiva jew tfixkel it-tħaddim kif suppost tas-sistema stabbilita mir-regoli tal-Komunità.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk il-Kummissjoni ***tikkonkludi illi mhemmx ostakli għall-ftehim fid-dawl tal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4, tkun tista'*** tawtorizza lil Stat Membru sabiex jiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati	1. Jekk ***il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) jiġu ssodisfatti,*** il-Kummissjoni ***għandha*** tawtorizza lil Stat Membru sabiex jiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati u tista' titlob l-inklużjoni ta'

u tista' titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehim propost.	klawżoli partikolari fil-ftehim propost.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-ftehim għandu jkun fih klawżola li tippermetti t-tibdil awtomatiku tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha u l-pajjiż terz dwar l-istess suġġett.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni	Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni

tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.	***raġunata*** tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Man-***notifika l-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni dwar jekk il-ftehim innegozjat hux konformi mal-valutazzjoni inizjali tagħha. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni ulterjuri l-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-ftehim propost jinkludix ir-rekwiżiti li saru mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-inklużjoni tal-klawżoli msemmija fl-Artikolu 5(1) u jekk il-konklużjoni tal-ftehim propost iwassalx biex id-dritt Komunitarju *isir* ineffettiv u jimmina l-iffunzjonar xieraq tas-sistema stabbilita mir-regoli tiegħu.	2. ***Wara li tiġi rċevuta n-***notifika l-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni dwar jekk il-ftehim innegozjat hux konformi mal-valutazzjoni inizjali tagħha. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni ulterjuri l-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-ftehim propost jinkludix ir-rekwiżiti li saru mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-inklużjoni tal-klawżoli msemmija fl-Artikolu 5(1) u jekk il-konklużjoni tal-ftehim propost ***għandux interess Komunitarju jew*** iwassalx biex id-dritt Komunitarju *jsir* ineffettiv u jimmina l-iffunzjonar xieraq tas-sistema stabbilita mir-regoli tiegħu.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li n-negozjati rriżultaw fi ftehim li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru ***jista'*** jiġi awtorizzat jikkonkludi l-ftehim.	4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li n-negozjati rriżultaw fi ftehim li jissodisfa r-rekwiżiti ***kollha*** msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru ***għandu*** jiġi awtorizzat jikkonkludi l-ftehim.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(3).	***imħassar***

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1.	Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni ***raġunata*** tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Proċedura tal-Kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, stabbilit taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr [...] li	

jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment..

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura ta' amministrazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	1. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet kollha kif imsemmi fl-Artikolu 2 li jaqa' taħt l-iskop ta' dan ir-Regolament.
	2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tagħrif notifikat skont il-paragrafu 1, kif ukoll it-tagħrif notifikat bi qbil mal-Artikolu 4, disponibbli għall-Istati Membri u għall-pubbliku billi

	tippubblikah fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida ***għan-negozjati*** jew ***l-***inklużjoni ta' klawżoli partikolari, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).	Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida jew ***titlob għall-***inklużjoni ta' klawżoli partikolari, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2014.	Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2014 ***barra għall-ftehimiet li attwalment qed jiġu nnegozjati u li għalihom il-Kummissjoni tat awtorizzazzjoni biex jibdew (bi qbil mal-Artikolu 5, paragrafu 1) imma li għadhom ma ġewx finalizzati***.

Or. fr